KUNSILL LOKALI PAOLA

Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

20 ta' Settembru 2010

Ref: 5/47/194/10

**Minuti tal-Laqgha Nru. 47**

Il-kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 14 ta' Settembru 2010. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici-Sindku Alfred Borg,, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsillier Borg Myatt. Il-Kunsilliera Ebejer u l-Kunsillier Seychell kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppressjeda din il-laqgha.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-Laqgha nru. 46**

**1.1 – Korrezzjonijiet**

Item 2.6 – ghandu jizdied il-kliem 'din l-istedina ma ntleqqghatx'.

Item 2.14 – ghandu jinbidel il-kliem flok quddiem nru 128 jigi quddiem nru 130, Triq il-Foss.

2) **Korrispondenza**

**2.1** – F'din il-laqgha ma tressqet l-ebda korrispondenza.

**3) Impjegat tal-Kunsill**

**3.1** – Is-Segretarju qara r-rapport li hejja dwar dan il-kaz. Hu kompla jghid li dalghodu s-Sur Sciberras ta' r-rizenja tieghu.

**3.2** – Is-Sindku staqsa kemm hu l-ammont li jrid jirrifondi s-Sur Sciberras.

**3.3** – Il-Kunsillier Borg Myatt qal li ma jaqbilx li s-Sur Sciberras ghandu jirrifondihom lura ghax jekk il-kunsill approva l-pagamenti, dawn kienu approvati awtomatikament.

**3.4** – Wara li nqara r-rapport tas-Segretarju, il-Kunsillier Dalli ressaq il-mozzjoni ghal vot jekk jigix adottat ir-rapport li gie moqri mis-Segretarju. Din il-mozzjoni giet approvata. Favur kienu s-Sindku, il-Vici-Sindku, il-Kunsilier Dalli w il-Kunsillier Lynch. Kontra kien il-Kunsillier Borg Myatt. Astensjonijiet xejn.

**<u>4) Attivitajiet</u>**

**4.1** - Il-Kunsillier Lynch qal li ser jorganizza mawra ghall-Ghawdex nhar il-Hamis 16 ta' Settembru 2010, Lejla Kulturali nhar is-Sibt 25 ta' Settembru 2010 u BBQ fic-Cerviola Hotel nhar is-Sibt 2 ta' Ottubru 2010.

**4.2** – Rigward l-attivita' 'Notte A Casal Paola', il-Kunsill gie nfurmat li hemm problema minhabba d-dawl ghax applikaw mal-Enemalta u peress li hemm kwistjoni u hemm *strike* bejn l-Enemalta u Arms Ltd, ghalhekk din l-attivita' tista' ma ssirx.

**4.3** – Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ihallas l-ispejjes ta' din l-attivita' u wara ser jiehu l-flus min-naha tad-Dipartiment sa Dicembru 2010.

**<u>5) Pagamenti</u>**

**5.1** – F'din il-laqgha, ma tressqux pagamenti.

**<u>6) Aggornament</u>**

**6.1** - Il-laqgha giet maghluqa fis-7.15pm u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 19 ta' Ottubru 2010 fis-6.00pm.

Kevin Borg

Segretarju

Dominic Grima

Sindku

19 - Oct 2010